TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 42

It-Tnejn, 26 ta' Settembru, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick, Mark Pisani u Stefano Savo.

Il-Vici Sindku Anthony Camilleri informa li kien imsiefer u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

**1. MINUTI**

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 41 li saret nhar it-Tnejn, 29 ta' Awwissu, 2022, kienu approvati.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

***2.1*** Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Vici Sindku Anthony Camilleri li nforma li kien imsiefer.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***3.1*** ***Kuncert ghal Jum il-Lokal***. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuncert kien success u kien hemm kummenti pozittivi minn kulhadd dwar din l-attivita`.

***3.2*** ***Clean Up The World 2022*** Anki l-attivitajiet li saru ghal din il-kampanja kienu tajbin u wiehed jispera li dejjem jizdied in-numru ta' partecipanti f'attivitajiet simili.

**4 TRIQ TELGHET GWARDAMANGIA TISSEMMA TRIQ ELIZABETTA II, 1926-2022**

***4.1*** Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru VIII/42-1 (Appendici A) mressqa mill-Kunsillier Mark Pisani sabiex Triq Telghet Gwardamangia tissemma Triq Elizabetta II, 1926-2022.

***4.2*** Il-Kunsillier Savo qal li hu ma kienx jaqbel li jsir dan it-tibdil minhabba li biex tigi mfakkra l-istorja tkun qed titnehha storja ohra. Telghet Gwardamangia ghandha l-istorja taghha ghax huwa wkoll minfejn hadet l-isem Gwardamangia. Huwa qal li hemm il-Villa li se tigi restawrata biex tfakkar ir-Regina Elizabetta II. Huwa izda jaqbel li din id-decizjoni ghandha tmur ghand in-nies.

***4.3*** Is-Sindku u l-Kunsillier Fitzpatrick qablu wkoll li din id-decizjoni ghandha tittiehed min-nies li joqghodu fit-triq. Ghalhekk kien hemm qbil unanimu li decizjoni dwar dan tittiehed mir-residenti ta' din it-triq.

**5 KORRISPONDENZA**

***5.1*** Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

**6 MISTOQSIJIET**

***6.1*** Il-Kunsillier Fitzpatrick staqsa jekk hemmx xi hsarat fil-Belisha Beacon Lights ta' quddiem St. Luke's Pharmacy fi Triq San Luqa u l-ohra fi Triq Pietru Xuereb. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien se jiccekkja ghax ma kienx hemm rapporti dwarhom.

Il-Kunsillier Savo qal ukoll li anki dik fi Triq Santa Monika regghet mitfija. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawn kienu se jigu ccekjati.

***6.2*** Il-Kunsillier Pisani irraporta xi bozoz li kienu maqtughin. Irraporta wkoll id-dawl tal-gnien tad-Torpedo Depot li hafna minnu huwa mitfi u l-bozoz taz-zuntier tal-Knisja fi Triq Santa Monika. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kienu se jigu rrapurtati lill-kuntrattur u bhal dawn ikun ahjar jekk jigu rrapurtati lill-ufficcjali tal-Kunsill fl-ufficcju sabiex l-ilment jghaddi mill-ewwel. Dwar id-dawl tat-Torpedo Depot ser isir ix-xoghol mehtieg u d-dawl tal-Knisja se naraw mal-Enemalta ghalfejn dan mhux qed jixghel.

***6.3*** Il-Kunsillier Pisani staqsa ghaliex l-ghassa qed tkun dejjem maghluqa. Is-Sindku qalet li hi kienet tkellmet dwar dan izda giet mgharrfa li l-policy hija li l-ghases iz-zghar jinghalqu. Qalet li hi x xewqa taghha wkoll li l-ghassa tkun miftuha.

***6.4*** Il-Kunsillier Pisani qal li s-servizz tal van ghandu jigi uzat biss ghar-residenti ta' Tal-Pieta`. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill kien rebah din il-kompetizzjoni bil-kundizzjoni li s-servizz jigi offrut lin-nies ta' Tal-Pieta` u r-residenti tal-lokalitajiet tal-madwar. Is-Sindku qalet li hemm certu lokalitajiet fil-madwar bhal Marsa u l-Hamrun li kienu se jibdew joffru dan is-servizz. Kien hemm qbil li l-ewwel preferenza ghandha tkun ghar-residenti ta' Tal-Pieta` u biex jitwasslu nies lejn sptarijiet u polyclinics.

***6.5*** Il-Kunsillier Pisani staqsa min jara li l-permessi li jinhargu mill-Kunsill qeghdin jigu esegwiti kif suppost. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li meta jigi rrapurtat xi nuqqas, dan jigi rrapurtat lil-LESA.

## 7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*7.1* Ma kienx hemm Komunikazzjoni tas-Sindku.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Pisani, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 38. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## . TMIEM

***9.1*** Fis-5.45pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku